**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 11 - L-ERBGĦA 6 TA' NOVEMBRU 2013**

**LAQGĦA B'URĠENZA**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Louis Bonnici | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kien hemm l-ebda preżenza tal-pubbliku. | |

Din il-laqgħa ssejħet b'urġenza fuq talba tas-Sindku wara li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kien qiegħed jitlob li jsir dan fid-dawl li l-Kunsilli Lokali kellhom jaħtru Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ sal-Ġimgħa 8 ta' Novembru 2013. Barra dan il-Kunsill ried jiddiskuti u jiddeċiedi wkoll fuq l-applikazzjoni għall-iskema tal-attivitajiet.

**1. ĦATRA TA' AMBAXXATUR LOKALI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa kien hemm applikant wieħed biss, Nigel Micallef, li bagħat japplika fuq inizjattiva tiegħu (il-Kunsill m'għamel l-ebda sejħa formali). Kien kjarifikat li persuni nnominati jridu jkunu tal-età bejn is-16 u taħt it-18.

1.2. Nigel Micallef għadu kemm għalaq it-18, iżda jidher li hemm xi Kunsilli oħra li nnominaw żgħażagħ li għandhom 18.

1.3. Kien hemm qbil li jekk applikanti ta' 18-il sena jiġu aċċettati għandu jkun Nigel Micallef li jkun innominat, iżda jekk le, il-Kunsill irid isib lil xi ħadd ieħor. Il-Kunsillier Agius issuġġerixxa lil Daniel Camilleri mill-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ tas-sena l-oħra.

## 2. L-ISKEMA TA' ATTIVITAJIET KULTURALI

2.1. Is-SE informa li s-sottokumitat tan-negozji kien qed ikollu problema biex jidentifika min mill-ħwienet kien se jikkontribwixxi finanzjarment biex jgħin fl-attività tal-milied li xtaq jorganizza s-sottokumitat stess.

2.2. Is-SE spjega aktar fid-dettall il-preokkupazzjonijiet tas-sottokumitat u l-Viċi Sindku ssuġġeriet li l-Kunsill għandu jalloka ammont ta' flus għall-attività, u ma' dan l-ammont jiġu miżjuda l-flus li jkunu ġabru in-negozji bejniethom.

2.3. Wara diskussjoni fit-tul il-Kunsill iddeċieda li għandu joħroġ ammont ta' flus daqs kemm jirnexxilu jiġbor is-sottokumitat sa massimu ta' €5,000. Il-flus jinġabru mill-Kunsill iżda jkun mistenni li membri tas-sottokumitat jgħinnu wkoll biex iħeġġu lil sħabhom jagħtu l-kontribuzzjoni. Wara li jinġabru l-flus, is-sottokumitat ikun f'pożizzjoni li jkun jaf kemm se jkun id-dħul u għalhekk jippjana l-attività skont dan l-ammont.

2.4. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu għalhekk japplika taħt l-iskema tal-attivitajiet kulturali.

2.5. Il-Kunsillier Sammut talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien it-20:58.

2.6. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jaħdem b'dan l-istess mod għall-attività tas-sena 2014 u jissottometti l-applikazzjoni wkoll.

2.7. Il-laqgħa intemmet fil-21:01

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv